MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 50/2004

Il-Pulizija
(Spettur Marthese Micallef)
Vs
Leslie Galea

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-25 t’Ottubru, 2003 ghall-habta ta’ 22.00 p.m. waqt li kien fi Triq Tabia, Rabat, hedded bi kliem lil martu Veronica Galea.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Marzu, 2004, li biha wara li rat l-artikolu 339 (1)(e), sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal sitt (6) tijiem detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat il-kondotta ta' l-appellant aggornata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tal-lum;

Rat illi Dr. Angelo Farrugia li assuma d-difiza tal-appellant minflok Dr. David Borg irrinunzja ghall-aggravji li l-piena ma kienitx entro l-parametri tal-Ligi kif ukoll ghall-aggravju velat li Ewwel Qorti sabet htija taht xi reat li ma kienx inkluz fil-komparixxi, pero' indika li l-akkuza hija preskritta u li, ghalkemm ma hemmx aggravju dwar dan "ut sic", din il-Qorti tista tiddeciedi dan "ex officio", anke fl-assenza ta' aggravju "ad hoc";

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni li bih qablet li r-reat huwa preskrivibbli bi zmien tlett xhur u ghalhekk stante li ghaddew aktar minn tlett xhur bejn meta nhareg il-mandat ghall-arrest fit-2 ta' Novembru, 2003 sad-data tat-2 ta' Marzu, 2004 meta gie esegwit il-mandat t'arrest kontra l-appellant u li ghalhekk il-akkuza hija konsegwentement preskritta;

Ikkonsidrat :

Illi skond l-artikolu 694 tal-Kap. 9 il-preskrizzjoni hi applikata mill-Qorti "ex officio" u l-imputat ma jistax jirrinunzja ghaliha;
Li bhala fatt jidher illi bejn id-diferiment tat-18 ta' Novembru, 2003, li kienet id-data ta' l-ewwel seduta meta l-appellant kellu jitla' quddiem l-Ewwel Qorti u ma deherx w t-tieni diferiment u cioe' dak tat-2 ta' Marzu 2004, meta l-kawza giet deciza, kienu ghaddew aktar minn tlett xhur u fil-fatt, kif xehed l-appellant illum stess, ma kien ircieva l-ebda att tal-proceduri qabel din id-data imma gie mitlub - jekk mhux addirittura mistieden – biex jattendi l-Qorti l-ghada mill-Ufficjal tal-Pulizija li mar biex jesegwixxi l-mandat biss lejliet it-2 ta' Marzu, 2004 u ghalhekk

ghaddew aktar minn tlett xhur u t-terminu ma giex interrott ai termini tal-Artikolu 687(2) u 693 tal-Kodici Kriminali, w l-akkuza hija konsegwentement preskritta,ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9;

Tiddisponi mill-appell billi “ex officio” tiddikjara illi l-akkuza dedotta kontra l-appellant hija preskritta skond il-Ligi u ghalhekk tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------